MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2011

Numru 284/2011

Il-Pulizija
(Spettur Sandra Zammit)

vs

Kersten Catania

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' numru tal-karta ta' l-identita' 422191M akkuzat talli

Nhar is- 17 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' bejn l-04.00pm u s-6.00pm gewwa l-Golf Club, Marsa minn gewwa locker ikkommetta serq ta'mobile phone tal-ghamla Nokia li jammonta ghal 200 Ewro, 100 Ewro fi flus kontanti, wallet li jammonta ghal 150 Ewro u handbag, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-hin u li sehh a detriment ta' Karen Fletcher;

- U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi dhalt gewwa l-Golf Club, Marsa minghajr permess meta ma kontx membru u mic-cikostanzi deher li l-hsieb tieghek kien li tikkommetti serq u hsara volontarja gewwa l-imsemmija propjeta';

- U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi ikkommettejt hsara volontarja fuq sistema ta' CCTV camera, a detriment tal-Golf Club, Marsa;

- U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi ikkommettejt hsara volontarja fuq l-imsemmi locker, a detriment tal-Golf Club, Marsa;

- U aktar talli kkommettejt ruhek recidiv b'sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jirreferu ghal serq, dhul f'propjeta mhux awtorizzat, hsara volontarja u recidivita.

Ghall- akkuzi migjuba kontrih l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata u li fuqha insista;

Rat l-Artikolu 261 (b) (c) (f), 263 (a), 264 (1), 267, 278 (1) (2), 330, 325 (d), 17 (d) (h), 7 (2), 12 (2), 49 u 50.

Tikkundannah seba xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------